MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru. 387/2005

**Illum 3 ta' Lulju, 2008**

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**vs**

**Albert Frendo**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Albert Frendo ta' 47 sena bin Saviour u Maria Anna nee' Piscopo imwieled Pieta' fil-20 ta' Frar 1958 residenti Qalb Wahda, Triq il-Labour, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' numru 149958 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-Gzejjer fis-6 ta’ Gunju 2001 u matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, bhala id-detentur tal-fond Café’ Du Paris, Bar & restaurant, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, ukoll wara inzul ix-xemx, b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dizpozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, b’ mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-elettriku tal-kwalita’ mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq ta’ dawl elettriku fl-ammont ta’ elfejn mitejn u erbgha u tmenin lira u wiehed u sebghin centezmu w tlett millezmi Maltin (Lm 2284, 71c,3) mill-fond Café Du Paris, Bar & Restaurant, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti kienet mitluba, barra milli taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali ta’ l-20 ta’ Frar 2006 (a folio 77 tal-process) fejn huwa deherlu li fil-konfronti ta’ l-imputat tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-artikoli :

a) 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, u 281 tal-Kodici Kriminali;
b) Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2007 ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati u decizi bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghat il-provi u rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat Albert Frendo ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta tat-3 ta’ Lulju 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti

tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat hallas l-ammont kollu indikat fic-citazzjoni lil Korporazzjoni ta’ l-Enemalta u li l-istess korporazzjoni prezentat rinunzja ta’ kwerela fis-seduta tat-3 ta’ Lulju 2008 liema dokument gie mmarkat bhala Dok AC1.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 261, 263, 267, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena  (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------